MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1576/2003

**Tony Zerafa esercenti l-kummerc bl-isem Tony the Professional**

**Vs**

**Carmelo Gauci Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm894.42 (tmien mija erba` u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-8 ta’ Ottubru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-1 ta’ Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------